MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 384/2007

**A B**
**vs**
**C D,**
**Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**u l-Avukat Dottor Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici nominati bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri E D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta li huwa l-missier naturali tat-tifla E D li twieldet mill-konvenuta C D fl-24 Lulju 2002, u talab dikjarazzjoni ta' din il-Qorti f' dan is-sens, u l-konsegwenzjali korrezzjoni fl-att tat-twelid tat-tifla ;'

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D li biha rrispondiet :

1. Illi kwantu ghall-ewwel talba attrici, filwaqt li hija taqbel u tiddikjara illi l-minuri E D hija l-wild naturali tal-attur A B, issostni li hija m' ghandha tbati ebda spejjez ta' din il-kawza. Di piu', tirrileva illi tali rikonoxximent ta' paternita' igib mieghu l-obbligu tar-rikorrenti li jhallas manteniment xieraq ghall-istess minuri u ghal dan il-ghan l-eccipjenti qeda tipprocedi kontra r-rikorrent bl-opportuna kontro talba.

2. Illi kwantu ghat-tieni talba, filwaqt li qabel li ghandha ssir il-korrezzjoni kif mitluba fl-istess talba, hija ssostni illi anke hawn m' ghandha ssofri ebda spejjez stante li hi ma tahti xejn.

3. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ossia risposti ulterjuri.

Rat il-kontro talba li permezz taghha l-konvenuta rikonvenzjonanti C D ppremettiet u talbet hekk :

1. Illi fl-24 ta' Lulju 2002 lill-eccipjent rikonvenzjonanti twelditilha tifla li jisimha E D.

2. Illi fic-certifikat tat-twelid taghha l-istess E giet iskritta bhala bint il-konvenuta u ta' missier mhux maghruf (unknown father).

3. Illi kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-attur A B huwa l-missier naturali u bijologiku tat-tifla minuri E.

4. Illi l-minuri tinsab fil-kura u kustodja effettiva tal-konvenuta rikonvenzjonanti.

5. Illi skond il-Ligi l-attur rikonvenzjonat, bhala missier il-minuri E ghandu l-obbligu li jmantni u jeduka, skond il-mezzi tieghu, l-istess tifla minuri.

6. Illi l-attur rikonvenzjonat interpellat diversi drabi sabiex ihallas jew jikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri inkluz l-arretrati tal-istess, baqa' inadempjenti.

7. Illi ghalhekk l-eccipjenti qeda tipprocedi b' din il-kontro talba.

Ghaldaqstant l-esponenti qeda, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bil-qima jitlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna, illi :

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-attur rikonvenjonat A B huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri E ;

2. Konsegwentement tordna li l-Att tat-Twelid tal-istess minuri E numru tar-registrazzjoni 2643/2002 jigi korrett fis-sens li jigi mhassar mill-iskrizzjoni relattiva kull fejn jirrikorru l-kliem “missier mhux maghruf” jew “unknown father” u sostitwit bil-kliem “A B” u jigu inseriti fil-kolonni rispettivi l-partikolaritajiet kollha l-ohra li jirrizultaw mill-Att tat-Twelid tal-istess A B ;

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri fuq imsemmija E tigi affidata esklussivament f' idejn il-konvenuta rikonvenzjonanti, salv kull provvediment xieraq ta' l-istess minuri.

4. Tiddikjara wkoll illi l-attur rikonvenzjonat A B bhala missier il-minuri E ghandu l-obbligu li jmantni u jeduka, l-istess tifla minuri tieghu, u dana b' effett mid-data tat-twelid taghha.

5. Tillikwida, jekk ikun il-kaz bl-opera ta' periti nominandi, ammont ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-attur rikonvenzjonat A B lill-konvenuta rikonvenzjonata C D bhala manteniment ghall-minuri E inkluz l-arretrati ta' l-istess mid-data tat-twelid tal-istess minuri filwaqt li tistabilixxi wkoll il-modalitajiet ta' kif ghandu jithallas tali manteniment u ta' kif ghandu jigi rivedur u awmentat.

6. Tordna u tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat A B sabiex ihallas lill-konvenuta rikonvenzjonata dik is-somma ta' manteniment hekk likwidata fit-talba precedenti bil-

modalitajiet u termini kif stabbiliti inkluz ukoll l-arretrati tal-istess manteniment mid-data tat-twelid tal-minuri u tordna illi dan il-manteniment jigi mnaqqas direttament mill-paga jew qliegh tal-konvenut mill-impjieg jew xoghol tieghu.

7. Taghti kull provvediment iehor xieraq u opportun.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent, li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrisponda:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi r-rikorrent ghandu bzonn jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu sabiex jekk it-talbiet attrici jintlaqghu, dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li biha rrilevaw li huma ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz, u rrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata fi stadju ulterjuri ;

Rat l-verbal maghmul fl-udjenza tat-30 April 2009 li permezz tieghu l-attur, tramite d-difensur tieghu, iddikjara li l-meritu ta’ l-azzjoni jinsab ezawrit bir-rikonoxximent da parti tieghu tat-tarbija ;

Rat ir-rapport prezentat mill-Avukat tat-Tfal Dottor Stephanie Galea ;

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-24 Novembru 2009 li permezz tieghu l-partijiet qabblu li l-vertenzi rigwardanti l-manteniment, u l-modalita' tal-access favur il-missier jigu regolati b' dak ordnat in propozitu fl-udjenza tal-25 Novembru 2008 ; u talbu li din il-Qorti taghti sentenza, *rebus sic stantibus*, fit-termini ta' dak miftiehem ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Ikkunsidrat ;

Illi fl-udjenza tal-24 Novembru 2009, il-partijiet ikkonfermaw li dak ordnat minn din il-Qorti fl-udjenza tal-25 Novembru 2008 dwar manteniment u access, qed jigi segwit minnhom u li ghalhekk il-pozizzjoni vigenti tista' tigi kristalizzata b' sentenza ;  izda l-attur irrizerva li 'l quddiem, meta l-minuri E D, li twieldet fl-24 Lulju 2002, tikber huwa jkollu l-fakolta' li javvanza pretensjoni ghal estensjoni ta' l-access bil-fakolta' ta' sleepovers.

**Manteniment**

Il-Qorti in bazi ghal dak gja' miftiehem bejn il-partijiet tordna li l-attur A B jhallas lill-konvenuta C D bhala manteniment ghat-tifla E B D, sakemm din tibqa' minorenni jew tibda tahdem bi qligh adegwat, is-somma ta' mija sitta u tmenin ewro u hamsa u tletin centezmi [€186.35] kull erba' gimghat, liema somma tinkludi spejjez ta' l-edukazzjoni ; eskluzi spejjez ta' l-uniformijiet u tat-trasport li ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet, u l-hlas isir kontra d-debita ricevuta.

Illi rigward it-talba tal-konvenuta ghall-hlas ta' manteniment arretrat il-Qorti tosserva li ma ngibux provi dwar il-kwantum tal-manteniment u ghalhekk qed thalli dan il-punt impregudikat, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tieghu aktar f' dan il-gudizzju.

**Kura u Kustodja**

Illi l-kura u kustodja esklussiva tat-tifla qed tigi fdata lill-omm C D, bl-access favur il-missier, l-attur, kif ser jinghad :

Kull nhar ta' Erbgha u nhar ta' Gimgha, saghtejn kull darba mill-4.30 pm sas-6.30pm u fis-sajf sas-7.30pm ; u fil-weekend, kull nhar ta' Sibt jew Hadd, b' mod alternat, mid-9.30 am sat-3.30 pm, sitt sieghat kull darba. It-tifla tittiehed ghall-access u tigi ritornata mill-missier mir-residenza taghha. It-terminu sajf jikkonsisti fil-vaganzi skolastici estivi tal-minuri.

L-access tal-Milied ikun mid-9.30 am sat-3.30 pm, u dak ta' l-Ewwel tas-Sena jkun mill-10.00 am sal-4.00 pm.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-azzjoni attrici billi tiddikjara l-procediment ezawrit bir-rikonoxximent da parti ta' l-attur tat-tifla E D li twieldet fl-24 Lulju 2002 ; u tiddeciedi dwar il-kontro talba billi :

[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar ta' l-ewwel u tat-tieni talba, in vista tar-rikonoxximent ;

[2] tilqa' t-tielet talba fit-termini u kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata "Kura u Kustodja";

[3] tilqa' ir-raba, il-hames u s-sitt talba fis-sens u kif stabbilit fis-sezzjoni ntestata "Manteniment" u ghar-rigward tal-manteniment arretrat, il-Qorti, filwaqt li tafferma d-dritt tal-konvenuta li tircevi manteniment minghand l-attur mid-data tat-twelid tat-tifla, tichad it-talba f' dan il-gudizzju peress li ma ngabux provi sufficjenti sabiex din il-Qorti tistabilixxi l-quantum ta' dan il-manteniment.

L-ispejjez ta' l-azzjoni u tal-kontro talba ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------